# Tema bil-Kompjuter

MARIO AZZOPARDI

mill-valv u t-transister għas-silikon
taċ-ċirkwit integrat
igħasses għall-imperfezzjoni
tnisslu s-sigħat tagħna jġerruna
lejn seklu ġdid

hemm il-programm tal-koerenza
tal-verità matemat'ka b'urġenza
skond punti deċimali
u l-kanali tal-kapaċità
bis-sekondi maqsumin fi frak żgħir
li jnessi l-finalità
miktuba diġà fl-arterji neolitiċi

trid tgħaġġel
taċċellera l-informatika
bi frekwenza w kurvi
li m'għandhomx x'jaqsmu mal-fqar ta' manhattan
jew man-naziskins u s-somali

is-saħħa massima tas-sinjal
tista' taqbeż
il-kobor tas-solitudni

sfiduċjati l-kaxxi ta' rasna
quddiem in-newroni tal-loġika hi-tech
b'marġni .2 fil-mija żball
skond network mill-ġappun
u t-tama
li ċ-ċella sterilizzata
tipproduċi ħolma
dwar l-intelliġenza tagħna
jew

moduli li jiskansaw il-mît
u bi grafika 'nġenjuża jispjegaw
is-sentiment
favur il-kalma klinika
quddiem il-ġenn ta' l-ambigwità

l-ispirti tal-fuzzy-loġik
iħarsu mill-iskrin 'il ġewwa
mingħajr it-tidlik
ta' l-isperma tal-miżerja
mingħajr ma jaħsbu fix-xita u l-lewn tas-sema
u r-riħa tal-kwiekeb
jew
x'ħoss tagħmel l-isparatura
li tferi tajra oħra
w tiffissaha
sospiża
fil-mument bla gravità
tal-mewt tas-soltu